**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 389/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith Cremona**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Keith Cremona, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 530687M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja :

1. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs f'diversi nħawi f'dawn il-gżejjer, volontarjament għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli, meta għamel ħsara fuq vettura ta' GVP 862 , li hija propjeta tal-Gvern ta' Malta u li sar għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u / jew Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i oħra u / jew entitajiet oħra.
2. Talli nhar 20 ta' Lulju 2022 għal ħabta ta' bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs ġewwa Triq Tat-Tromba fil-Marsa, b' nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b' nuqqas ta' tħaris tar- regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna offizi ta' natura gravi fuq Manuel Decelis hekk kif iċċertifikat minn Dr. Edward Basile Cherubino.

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 bil- mutur, u b' nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tal- traffiku, ħabat mal-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO 105 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Manuel Decelis.
4. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq Dr. Giuzeppe Zammit ġewwa l-Marsa, saq vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 bil-mutur, u b' nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, habat mal-mutur bi numru tar-reġistrazzjoni CBZ 756 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' David Cassar u / jew persuni oħra.
5. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq is-Salib tal-Marsa ġewwa il-Marsa, saq vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 bil-mutur, u b' nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tal- traffiku, habat mal-mutur bi numru tar-reġistrazzjoni GGV 581 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Edmund Camilleri u / jew persuni oħra.
6. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs f'diversi nħawi f'dawn il-gzejjer, saq vettura bil-mutur tal-għamla Hyundai bi numru tar-reġistrazzjoni CAC 591 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.
7. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien qed isuq il- vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill- Awtorita' ta' Transport ta' Malta.
8. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq l- imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza dwar ir-riskji għat-terzi persuni.
9. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qiegħed issuq l-imsemmija vettura, u ċioe' Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 u kien involut f' aċċident ta' traffiku, naqas li jieqaf fuq il-post u meta kien meħtieġ, naqas li jagħti il- partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien isuq kif mitlub bil-liġi.

10. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-Hamrun saq vettura ta' għamla Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 fi triq pubblika, liema triq pubblika, hija mgħammra b'sinjali ta' dawl li jirregolaw it-traffiku tal-vetturi, u naqas li jieqaf meta s-sinjal kien qed jixgħel fuq l-aħmar.
11. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq l-imsemmija vettura u naqas li jzomm ma' naħa ta' xellug ta' triq jew naqas li jagħmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni.
12. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'ohra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
13. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea, li huma uffiċjali tal-Pulizija nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallix jew fixkilhom waqt li kienu qiegħdin jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra.

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali ta' Malta (Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D) b'digriet datat 27 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ngħata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.
16. U aktar talli nhar il-10 ta' Lulju 2022 fit-11:00 hrs, naqas milli jidher fl-Uffiċċju ta' l-Ispettur Mario Xiberras ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja nhar it-5 ta' Lulju 2022.
17. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, datata 28 ta' Settembru 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.
18. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 226(1)(b), 328(d), 338(ee), 579(1)(2)(3), 325(1)(b), 383, 384, 385 u 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, regolament 67(1) u 125(2)(a) tal-Liġi Sussidjara 65.11 (Vetturi bil-Mutur), l-artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 22(1)(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Keith Cremona, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u filwaqt li għazlet ukoll li titratta miegħu għal ksur ta' l-Ordni tal-*Probation,* ikkundannatu għal priġunerija ta' tlett (3) snin ħabs kif ukoll għal multa kumplessiva ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) li għandhom jitħallsu fiz-zmien massimu skont il-ligi, kif ukoll ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid u ordnat li s-

somma ta' tmint elef Euro (€8,000) msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet tas-27 ta' Ġunju 2021 mogħti mill-Qorti Kriminali, Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Ukoll, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3(1)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat l-iskwalifika ta' l-imputat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' ħames snin mid-data tas-sentenza. In oltre, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska ta' arma li kienet fil-pussesss tiegħu bħala konsegwenza tal-piena ghal dak il-ksur. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat ukoll li l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk konfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni. Inoltre, peress li l-Qorti qieset li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa għandu u ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu u ta' tlett (3) snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness mas-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti ddikjarat li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament. Ukoll, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi għaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq ingħad, rabtet lill-ħati għal perjodu ta' tlett snin (3) mid-data tar-remissjoni tas-sentenza taħt penali ta' tlett elf euro (€3,000). Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-ħati a favur ta' Manuel Decelis, David Cassar, Edmund Camilleri, PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea għal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li għandha tagħti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodiċi Kriminali li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-ħati iħallas fi zmien sitt xhur mis-sentenza s-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u sittin Euro (€7,863) rapprezentanti ħsarat tal-vetturi

u mutur ta' Manuel Decelis, David Cassar u Edmund Camilleri lis-sidien skont ir-rapport ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati Keith Cremona iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma kumplessiva ta' (€7411.06) rapprezentanti spejjez ta:

1. Tal-esperti uffiċjali ċivili Alexia Pace u PC 2424 Abigail Grech fl-ammont ta' €1224.04.
2. Tal-esperti uffiċjali forensiċi PC 1525 Patrick Farrugia u PS 1561 Ian Farrugia fl-ammont ta' €366.63.
3. Tal-espert Keith Cutajar fl-ammont ta' €2748.16.
4. Tal-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €316.70.
5. Tal-espert Mario Buttigieg fl-ammont ta' €2099.46.
6. Tal-espert Dr. Edward Basile Cherubino fl-ammont ta' €358.07.
7. Tal-espert spizjar Dr. Godwin Sammut fl-ammont ta' €298.00.

Rat ir-rikors tal-appellant, Keith Cremona, ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu il-piena nflitta u tinfliġġi piena anqas ħarxa u aktar idonea u li tirrispekja il-każ in eżami.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 20 ta' Novembru 2023.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr Juan Vella mogħtija minnu nhar it-22 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku lment imqanqal mill-appellant fir-rikors ta'l-appell jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu billi jikkontendi illi din kienet waħda eċċessiva. Isostni illi wara li rreġistra l-ammissjoni tiegħu u qabel ma kienet prolatata s-sentenza, kien hemm ftehim bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni dwar il-piena li kellha tkun inflitta fuqu mill-Qorti li kienet dik ta' priġunerija għal żmien sentejn u nofs u dana in vista tal-vizzju tad-droga li huwa jinsab afflitt minnu. Huwa jkompli billi jilmenta illi l-piena konsegwenzjali għar-reat tal-ksur tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest konsistenti fil-konfiska tal-garanzija fis-somma ta' €8,000, kif kien kkundannat mill-Ewwel Qorti hija wisq drakonjana, tenut kont b'mod ewlieni illi dawn il-flejjes jappartjenu lill-familjari tiegħu u li dina l-konfiska ser tkun ta' detriment għalihom. Finalment, huwa jgħid, li tenut kont in-natura tar-reati addebitati lilu, u tenut kont li huwa kkommetta l-istess meta kien taħt l-effett ta' ammont sostanzjali ta' droga kokajina, il-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva u timmerita temperament.

Illi, kemm il-darba jiġi mfakkar minn din il-qorti ta' reviżjoni illi hija bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi, il-fattispeċje ta' dan il-każ wasslu għax-xilja ta'l-appellant b'numru ġmielu ta' infrazzjonijiet tal-liġi li jvarjaw minn offiżi fuq uffiċjal pubbliċi, għal ħsara volontarja, pussess ta' droga u ta' armi, u kontravvenzjonijiet tat-traffiku, oltre sewqan b'mod traskurat u perikoluż meta huwa ma kienx liċenzjat u assigurat skont il-liġi. Dawn kienu minnu kommessi nhar l-20 ta' Lulju 2022 meta Keith Cremona kien mwaqqaf u miżmum minn PC 90 Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea, u dana wara insegwiment bil-vetturi li sarraf f' diversi ħsarat kkaġunati lill-vetturi ta' terzi kif ukoll ġrieħi fuq il-persuna tal-parte ċivile Manuel Decelis. Jirriżulta ukoll illi l-uffiċjali tal-

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Pulizija nvoluti kellhom saħansitra jisparaw xi tiri fid-direzzjoni tal-vettura ta' Cremona, tal-għamla Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC-591, sabiex huwa ma jkomplix isuq u b'hekk jaħrab minn fuq il-post.

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta illi fi stadju avvanzat ta' dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, senjatament nhar is-26 ta' Jannar 2023, l-appellant, debitament assistit, irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għat-tmintax-l imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. L-Ewwel Qorti tatu l-ħin debitu għar-ripensament, wissietu bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu, fejn wara l-istess, huwa reġa' tenna l-ammissjoni minnu magħmula. Fil-fatt ma jidhirx illi permezz ta' dan l-appell l-appellant qiegħed jikkontesta din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda' billi jilmenta li kien hemm ftehim bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni dwar piena ta' priġunerija għal żmien sentejn u nofs u dana bil-għan illi dan it-terminu ta' priġunerija jgħinu sabiex jindirizza il-problema li huwa afflitt minnha tal-vizzju tad-droga. Illi fil-fatt dan il-ftehim huwa rifless fil-verbal tas-seduta datata 26 ta' Jannar 2023: –

> **"Il-partijiet jaqblu illi rigward piena ta' sentejn u nofs priġunerija inkluż l-ispejjez tal-Qorti u tal-vittmi u dan wara li jiġu ppreżentati ir-rapporti tal-esperti."**

Issa jidher illi dan il-patteġġjamnet, madanakollu ma sarx skont it-termini mfassla fil-liġi fl-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm hekk dispost:

> **(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.**
>
> **(6) <u>Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)</u>. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

**(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.**

Illi, minn eżami tal-*iter* proċesswali ma jidhirx illi quddiem l-Ewwel Qorti kien ppreżentat xi rikors konġunt ta' patteġjament mill-partijiet, hekk kif tirrikjedi l-Liġi hawn fuq iċċitata, tant għalhekk illi l-Qorti ma kellhiex tieħu konjizzjoni ta'l-ebda ftehim li seta' ntlaħaq dwar is-sentenza li kellha tingħata. Mhux biss, iżda il-Qorti ma hijiex marbuta bil-ftehim ippatteġġjat jekk dan imur kontra l-perswazjoni tagħha u huwa fid-diskrezzjoni tagħha li titbiegħed mill-istess. Illi l-liġi ġiet emendata permezz ta'l-Att VIII tal-2015 biex il-prassi li kienet eżistenti fil-qrati inferjuri fejn ikun sar xi patteggjament informali, tinqata', bil-qorti għalhekk mhijiex miżmuma tieħu konjizzjoni ta'l-istess meta tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha Għal dawn il-motivi, dina l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti mxiet b'mod regolari u legali u għalhekk l-ilment tal-appellant fir-rigward ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni lok, l-appellant jilmenta dwar il-konfiska tal-garanzija fis-somma ta' €8,000 kif ordnat fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest lilu konċess mill-Qorti Kriminali permezz ta' digriet datat is-27 ta' Ottubru 2021, fejn huwa jisħaq li dawk il-flejjes jappartjenu lill-familjari tiegħu u li dina l-konfiska ser tkun ta' detriment għalihom u mhux għalih.

Illi, l-Artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, jiddispponi illi:–

**Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew**

**jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu.**

**Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta'konsegwenza serja.**

Illi, ġie determinat, anke mill-ammissjoni tiegħu stess, li l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kien marbut bihom u dan meta kkometta reati ġodda fil-perijodu meta kien meħlus mill-arrest preventiv. Illi għalhekk żgur li l-ksur ma kienx wieħed ta' konsegwenza żgħira, iktar u iktar fid-dawl tal-fedina penali refrattarja tal-appellant. Inoltre fl-atti ma hemm xejn x'jindika dak allegat mill-appellant illi dawn huma flejjes appartenenti lill-familjari tiegħu, għalkemm irid jingħad illi dan il-fatt ma għandu jkollu ebda piż fuq id-deċiżjoni tal-Qorti li tapplika s-sanzjonijiet maħsuba fil-liġi meta jkun hemm il-ksur tal-ordni tagħha. Kemm l-appellant u kemm il-garanti kienu ben konxji tal-konsegwenzi li jsegwu jekk huwa ma joqgħodx għaal-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u huwa għalhekk inutli li f'dan l-istadju l-appellant jipprova jaħrab mis-sanzjoni tal-liġi bl-iskuża illi dawn il-flejjes jappartjenu lill-familjari tiegħu u mhux lilu. Fuq kollox l-appellant ammetta u kien misjub ħati ta' mhux anqas minn tmintax il-reat u għalhekk lanqas ma jistħoqqlu xi klemenza mill-qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar ilment tiegħu, l-appellant jgħid, li tenut kont tan-natura tar-reati addebitati lilu, u tenut kont li huwa kkommetta l-istess meta kien taħt l-effett ta' ammont sostanzjali ta' droga kokajina, il-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva u timmerita temperament.

Illi, fis-sentenza mpunjata, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħti diversi raġunijiet li wassluha sabiex teroga il-piena ta' tlett snin priġunerija u multa ta' €1500 meta stqarret:–

**"Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija aggornata sas-sena 2022. Illi l-imputat ghandu fedina penali refrattarja ta' erbatax il-faccata (!) b'diversi reati kontra inkluz sentenzi registrati simili jew l-istess ghal dak li bihom gie imressaq. Jidher ukoll li l-imputat inghata diversi tipi ta' sentenzi inkluz dawk ta' prigunerija kif dawk li huma alternattiva ghal-habs sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Mandankollu minkejja li l-imputat ghad ghandu biss erba u tlettin sena (34) jidher li ghazel it-triq tal-kriminalita u ma irriformax ruhu jew tghallem mid-diversi sentenzi u opportunitajiet li nghata.**

- **L-imputat ibaghti minn vizzju serju tad-droga. Mir-rapport tal-ufficjal tal-probation li kienu qed isegwuh tul is-smiegh tal-kawza jirrizulta li l-imputat ma kienx qed juri motivazzjoni sabiex isegwi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni u dan minkejja l-gwida moghtija lilu mill-professjonisti li jsegwuh. Illi dan gie ukoll ikkonfermat minn ufficjali tas-Sedqa li kienu ikkonferma li l-imputat ma kellux ir-rieda jiggieled u jirriforma mill-vizzju li kien hakmu.**
- **L-ammissjoni ta' l-imputat. Il-Qorti tosserva li din il-kawza bdiet mill-gdid u inqraw l-akkuzi lill-imputat tlett darbiet minhabba diversi talbiet tal-prosekuzzjoni ghal-korrezzjonijiet. Illi kull darba l-imputat irregistrat li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Illi wara li l-kawza regghet inbdiet mill-gdid wara t-tielet darba, l-imputat nhar is-16 ta' Jannar 2023 irregistra l-ammissjoni tieghu. Illi mill-ewwel darba (21 ta' Lulju 2022) sa dakinhar kienu instemghu diversi xhieda u provi tal-prosekuzzjoni. B'hekk l-imputat irregistra ammisjsoni tieghu wara li kien diga mitlub tlett darbiet dwar il-htija tieghu o menu, wara li nstemghu l-maggioranza tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u wara li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur wara li kienet inbdiet il-kawza u nzammu numru konsiderevoli ta' seduti. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u certament qabel l-ghoti tas-sentenza finali, fattwalment, ma jistax jinghad li saret fl-iktar stadju bikri in vista tan-numru tas-seduti li nzammew u wara li giet appuntata ghal-smiegh kemm il-darba."**

Illi l-Qorti tistqarr li ma tista' ssib xejn x'tiċċensura f'dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għall-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula. *In oltre*, tinnota li l-appellant ikkometta r-reati lilu addebibati meta kien taħt effett qawwi tad-droga kokajina u li għalhekk is-sinistru mertu ta' dawn il-proċeduri seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

Illi, *oltre* minn hekk, l-Qorti tinnota li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, għalkemm mhux waħda fil-minimu tagħha, madanakollu hija fil-parametri tal-liġi u tirrifletti n-natura serja tal-każ. Illi l-appellant kien misjub ħati ukoll li kiser Ordni ta' *Probation* imposta fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru

2021 fejn l-Ewwel Qorti ittrattat miegħu għar-reati infraskritti fl-imsemmija sentenza fejn kien misjub ħati għar-reat tal-oltraġġ għal uffiċjali pubbliċi, oltre li kien reċediv, bil-piena f'dan il-każ kellha kellha neċessarjament tiżdied ulterjorment minħabba li l-appellant kien misjub ħati li kien reċediv ukoll f'din l-istanza.

Fuq kollox il-fedina penali tal-appellant hija mera tal-karattru refrattarju tiegħu fid-dawl tad-diversi kundanni mogħtija fil-konfront tiegħu minn dawn il-qrati minn fejn jirriżulta fuq kollox illi l-appellant ngħata diversi opportunitajiet tul il-medda tas-snin sabiex huwa jegħleb il-vizzju tad-droga u jitbiegħed mill-ħajja kriminoġenika. Jidher illi madanakollu l-appellant xortawaħda baqa' jippersisti fl-imġieba devjanti tiegħu li wasslitu għal kummissjoni ta' diversi reati ġodda. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti għalhekk ma ssib l-ebda raġuni valida li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena u tittama illi f'dan iż-żmien ta' inkarċerazzjoni huwa jieħu l-opportunita li jindirizza l-problema tad-droga u dan kif jindika Juan Vella, rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa fix-xiehda tiegħu. Għalhekk l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint fl-intier tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**